# Riħa Stramba

Charles Casha

L-ewwel ħaġa li laqtitni hekk kif wasalt fir-raħal kienet, kemm kien żgħir u donnu kulħadd kien miġbur flimkien fi spazju magħluq.

Wasalt għall-ħabta ta' nofsinhar. Kont qbadt taxi mill-istazzjon tal-ferrovija u din wasslitni quddiem il-bieb fejn kienet toqgħod Kristina li kienet tiġi xi ħaġa mill-familja t'ommi imma qatt ma sirt naf kif.

Qattajt żmien twil fin-negozju u għaddejt minn inkwiet kemm trid. Fl-aħħar kont xbajt u bdejt naħseb biex nieqaf mix-xogħol u ngħix b'dak li kont faddalt. Kelli bżonn ftit żmien ta' mistrieħ.

Domt intella' u nniżżel fejn se mmur biex ninqata' minn kollox. Ma nafx kemm domt infittex biex insib xi lukanda żgħira f'xi post għall-kwiet imma ma beda jogħġobni xejn. Lejla waħda, waqt li kont fuq is-sodda mimdud, nipprova norqod, ftakart fi Kristina. Ommi ta'sikwit kienet issemmiha u dejjem kienet tgħidli li xi darba tixtieq tmur taraha. Qomt minn fuq is-sodda u bdejt infittex ktejjeb li fih ommi kienet iżżomm xi ismijiet u indirizzi biex kull sena tibgħat il-kartolini tal-Milied. Bdejt inqalleb il-paġni, inkallati b'idejn ommi, u fl-aħħar sibt l-indirizz ta' Kristina.

Ktibtilha u ftit jiem wara waslitli ittra mingħandha fejn fiha wriet ix-xewqa tagħha li jien immur u nqatta' ftit ġimgħat fir-raħal sabiħ fejn kienet tgħix.

Matul il-vjaġġ fuq it-tren bdejt nipprova nimmaġina x'tip ta' mara kienet din Kristina. Bdejt inġib quddiem għajnejja mara ħoxna, b'wiċċ imfaqqa', b'par

idejn godlija u b'koxxtejn koroh u mimlijin ċellulite imma moħbijin taħt dublett twil li kien jinżel sal-għekiesi. Il-vjaġġ bit-tren kien twil u matul it-triq biddilt aktar minn darba din id-dehra immaġinattiva tal-qariba t'ommi.

Kont għajjien u kelli seba' mitt sena sakemm nasal. Il-vjaġġ xejn ma kien pjaċevoli għax maġenbi nzertajt mara anzjana li donnha kienet ilha ma titkellem ix-xhur u riedet tiżvoga kollox f'dawk il-ftit sigħat tal-vjaġġ. U sabet lili bħala vittma.

Il-faċċata tad-dar kienet kbira u fiha kien hemm bieb li minnu kont tidħol għad-dar fejn kienet toqgħod Kristina u bieb ieħor wiesa' tal-uniku pabb li kien hemm fir-raħal. Dan kien jagħmel parti mid-dar ta' Kristina u kienet tieħu ħsiebu hi.

Qbadt iż-żewġ bagalji u mxejt lejn il-pabb u dħalt ġewwa. Kienu xi s-sagħtejn ta' waranofsinhar u ġewwa kien hemm ftit irġiel bilqiegħda jixorbu l-birra. Kienet ġurnata sabiħa u t-temp ma kienx daqshekk kiesaħ.

Ħarist madwari biex forsi nara lil Kristina għalkemm ma kontx naf min kienet. Ippretendejt li nara xi mara ħoxna b'wiċċha ħamrani wara l-bar qiegħda tixxotta t-tazzi.

Dawk l-irġiel ħarsu lejja. Wieħed minnhom staqsieni:

"Qed tfittex lil Kristina?"

"Iva," weġibtu.

"Telgħet fuq. Dalwaqt tkun hawn," qalli dak u kompla jitkellem ma' ħbiebu.

Intfajt bilqiegħda fuq wieħed mis-siġġijiet li kien hemm qrib tiegħi. Tajt ħarsa madwari u malajr wasalt għall-konklużjoni li l-pabb ta' Kristina kien għadu kif xi darba kien, ħafna snin ilu.

Imma kien jilqgħek. Mal-ħitan kien hemm qabda ritratti li ma stajtx naqbad ta'min kienu. Laqatni ritratt kbir tar-Reġina mdendel mal-ħajt wara l-bar. Ir-riħa tfuħ ta' bejken moqli fetħitli l-aptit. Ftit wara, smajt passi neżlin it-taraġ tal-injam li kien hemm f'ġenb tal-pabb. Rajt mara fiha daqsiex, b'wiċċha ħamrani u xagħar isfar li żgur li kien miżbugħ. Kien safrani wisq biex ikun naturali. Xofftejha kienu miżbugħin kulur aħmar qawwi u għal xi ħin fakkritni f'dawk it-tfajliet tas-*saloons* li konna naraw fil-films Western.

Niżlet u ġiet ħdejja.

"Wasalt fl-aħħar!" qaltli.

"Kristina?" staqsejtha.

"Stennejtek ilbieraħ filgħaxija," weġbitni bi tbissima.

"Għandek raġun imma ddeċidejt li nieħu t-tren ta' filgħodu għax kont għajjien. Skużani."

"Ma ġara xejn! L-aqwa li ġejt. Tidher għajjien, Richard!" qaltli.

"Kelli vjaġġ twil," fakkartha.

"Itla' miegħi," kompliet tgħidli u bla ma tatni ċans, qabdet il-bagalji u bdiet tiela' t-taraġ tal-injam biex teħodni f'kamarti.

Fuq kien hemm sitt ikmamar. Kristina kienet tgħix fi tlieta minnhom u t-tlieta l-oħra kienet tikrihom meta xi ħadd kien jieqaf fir-raħal waqt xi vjaġġ twil. Ma nafx kemm kienu jiġu nies f'dak ir-raħal imma d-dar ta' Kristina, barra milli kellha l-uniku pabb fir-raħal u kif sirt naf wara, l-uniku restorant, kienet isservi wkoll bħala l-unika lukanda f'dak ir-raħal ċkejken.

Kristina niżżlet iż-żewġ bagalji mal-art u fetħet waħda mill-kmamar li kien hemm fil-kuritur. Reġgħet refgħet il-bagalji u daħlet ġewwa.

"Din il-kamra tiegħek," qaltli.

"Sabiħa!" għedtilha bla ma kont għadni rajt x'kien hemm fiha.

"L-aħjar waħda din," kompliet tgħidli hekk kif marret lejn it-tieqa u ġerriet il-purtieri.

"Minn hawn tista' tittawwal għal ġot-triq. M'hawnx xi veduta li tgħaġġbek imma quddiemek għandek iċ-ċentru tar-raħal," kompliet tgħidli.

"Tajba ħafna. Aktar milli għandi bżonn. Grazzi."

"Xieraq li tal-familja jieħdu l-aħjar kamra," qaltli hi u ntefgħet bilqiegħda fuq pultruna li kien hemm ħdejn it-tieqa.

Indunajt li kellha aptit tpaċpaċ. Jien xtaqt norqod. Kont għajjien wisq biex noqgħod nitkellem magħha. Imma ma stajtx neħles minnha.

"Hekk hu, hekk hu," għedtilha xott, xott.

Ħsibt li b'hekk kont se neħles minnha. Imma arrali. Hemm baqgħet.

"Jien u int suppost li niġu minn xulxin. Jew aħjar jien niġi xi ħaġa minn ommok," qaltli.

"Ommi dejjem hekk kienet tgħid. Imma dan mhux importanti. Issa ltqajna u daqshekk biżżejjed għalija," għedtilha biex naqtgħalha fil-qasir.

"Ngħidlek is-sew dejjem kelli l-kurżità li nkun naf aktar dwar il-parentela tagħna," kompliet tredden Kristina. "Ommok kienet tibgħatli kartolina kull sena u fuqha kienet tikteb lill-għażiża Kristina. Imma qatt ma kitbet xi ittra jew

iltqajna. Lanqas naf kif bdejna nibagħtu l-kartolini lil xulxin! Forsi kienet ommok li bdiet. Imma naħseb li aħjar inħallik waħdek. Tidher għajjien. Isma', fuq kollox, trid tiekol xi ħaġa qabel? Jien malajr nista' nlestilek xi ħaġa x'tiekol jekk trid."

"Grazzi. Kilt xi ħaġa fuq it-tren. Aħjar norqod ftit u wara ninżel isfel."

"Tajjeb. Meta tqum inlestilek x'tiekol. Filgħaxijiet ikolli xi nies li jiġu jieklu hawn. Dawn x'aktarx jgħixu waħedhom u ma joqogħdux iħabblu rashom biex isajru. Fl-istess ħin jiltaqgħu mal-oħrajn."

Kienet se terġa' tibda tredden.

"Narak aktar tard," għedtilha.

Fehmitni. Qamet, tbissmet u telqet 'il barra mill-kamra.

Warajha ħalliet riħa qawwija ta' fwieħa li qatt ma kont xammejt bħalha qabel. Kienet riħa partikolari li jekk ixxommha darba ma tistax ma tibqax tagħrafha jekk ixxommha xi mkien ieħor. Waqaft inħares lejn Kristina hi u nieżla t-taraġ biex tmur fil-pabb. Kellha warrani daqsiex u koxxtejha kienu ħoxnin kif kont immaġinajthom jien.

Inħsilt u ntfajt fuq is-sodda wiċċi 'l fuq. Ftit wara kont fl-isbaħ raqda. Kienu xi s-sitta ta' filgħaxija meta stenbaħt. Għall-ewwel ma stajtx niftakar fejn kont qiegħed. Bdejt naħseb li kont għadni d-dar. Imma malajr ftakart fejn kont meta minn isfel stajt nisma' geġwiġija ta' ilħna hekk kif il-pabb ta' Kristina beda jimtela bin-nies. Ilbist u nżilt isfel. Issa kien qed jagħmel bija l-ġuħ u staqsejt lil Kristina jekk kellhiex xi ħaġa tal-ikel.

"U żgur li għandi. Ġa lestejtlek. Jien għedt li se tqum bil-ġuħ," qaltli.

Poġġejt bilqiegħda ma' mejda bit-tama li noqgħod waħdi nosserva x'kien hemm madwari imma ma tantx domt għax ftit wara resaq fuqi wieħed raġel li mid-dehra kien iħobb jistieden ruħu b'idejh għax mingħajr ma għedtlu xejn intefa' maġenbi u qabad ipaċpaċ. Ħallejtu jgħid sakemm xaba' u telaq.

Xi ġimgħa wara kont fil-pabb meta dak ir-raġel reġa' ġie ħdejja u beda jirrakkonta l-istess ħmerijiet li kien qalli qabel. Kienu xi l-għaxra ta' billejl u Kristina kienet qed tistenna li jsir il-ħin biex tagħlaq u tibgħat lil kulħadd 'il barra. F'ħin minnhom ma flaħtx nissaportih aktar. Qomt u ħriġt barra għall-arja.

Kif ħriġt fit-triq ħassejt xi ftit tal-frisk. Ftit wara bdiet tqattar ix-xita. Ma ħabbiltx rasi. Min jgħix f'pajjiżi bħal dawn, irid jew ma jridx ikollu jidra x-xita u ma jagħtix kasha. Darba wieħed Skoċċiż qalli:

"M'hemmx temp sabiħ jew temp ikrah. Imma skont xi tkun liebes. "

Ma kontx weġibtu imma f'qalbi bgħattu jixxejjer.

Imxejt biċċa żgħira fit-triq u waqaft inħares lura. Ftit wara rajt mara ġejja għan-naħa tiegħi. Kif għaddiet minn ħdejja, ħarset lejja u baqgħet sejra. Inħkimt minn xewqa kbira. Xtaqtha.

Bdejt miexi warajha. Indunat imma ma waqfitx u lanqas ma ħaffet il-pass. Baqgħet sejra qisni ma kontx hemm. Meta lħaqtha, waqfet u qaltli:

"Imxi miegħi."

Ħassejtni xi ftit imbarazzat. Imma ħadt gost bl-istedina provokattiva tagħha.

Meta waslet quddiem il-bieb ta' dar li kien hemm fil-kantuniera fit-tarf tat-triq, il-mara waqfet, fetħet il-bieb u stednitni nidħol magħha ġewwa.

Id-dar kienet żgħira u mgħammra b'għamara qadima. Il-ħitan kienu ilhom snin bl-istess *wallpaper* ikrah. Il-kamra li kont fiha kienet sħuna biżżejjed li ħassejtni komdu. Imma l-aktar ħaġa li laqtitni kienet ir-riħa qawwija u stramba li kien hemm fil-kamra. Ma stajtx naqbad minn fejn kienet ġejja jew x'riħa kienet.

"Poġġi," qaltli. "Trid kikkra kafè jew te?"

"Grazzi. Kafè jekk jogħġbok."

Il-mara warrbet u marret fil-kċina li kienet fuq in-naħa ta' ġewwa. Sakemm kont waħdi nistenna qgħadt inħares madwari u nifli kull ħaġa li kien hemm f'dik il-kamra. Ftit li xejn kien hemm x'tara madanakollu.

Meta ġiet lura bil-kafè, poġġiet bilqiegħda biswiti.

"Ħsibtek li m'intix se tiġi miegħi meta għedtlek," qaltli titbissem.

"Kollu ta' xejn li noqgħod nistaħba wara subgħajja," għedtilha. "Ġejt għax meta għaddejt minn quddiemi ħassejt bħal xi ħaġa tiġbidni lejk."

"Imma inti ma tafnix. Lanqas biss taf x'jisimni!"

"Le. Imma jekk tgħidli nkun nista' nsejjaħlek b'ismek," weġibtha.

Kienet bilqiegħda sieq fuq sieq bil-kikkra tal-kafè f'id waħda u l-plattina fl-oħra. Ma stajtx ma ninnotax kemm kienet mara sabiħa.

"Mhux importanti li tkun taf min jien imma ngħidlek biss li jisimni Alice," qaltli hekk kif poġġiet il-kikkra u l-plattina fuq mejda żgħira li kien hemm bejnietna.

Kont se ngħidilha x'jisimni imma ddeċidejt li ma ngħidilhiex. Bqajt inħares lejha u nifliha. Wara ftit staqsietni.

"Issa li qed tarani fid-dawl … għadek tħossha dik ix-xi ħaġa li ġibditek lejja?"

"Iva. Anzi aktar minn qabel. Int mara tassew sabiħa!" għedtilha.

Hawnhekk Alice qamet, resqet lejja u dawret idejha m'għonqi. Qomt minn fejn kont u ħassejtni imbarazzat għall-aħħar.

"Mela x'aħna nistennew?" qaltli b'leħen provokattiv.

Veru li kont inġbidt lejha iżda żgur li ma kontx qed nistenna reazzjoni bħal din. Ħassejt fawra tielgħa għal rasi imma m'għamilt l-ebda sforz biex ninħall mill-qabda ta' dirgħajha.

"Taf x'int tgħid?" għedtilha.

"Naf. Għalfejn qed tiskanta. M'intix tieħu gost li mara tridek tħobbha?"

"Ħsadtni," għedtilha.

Alice nħallet minn miegħi u bdiet tidħak. Dak id-daħq tagħha kompla ħajjarni għaliha. F'ħajti ftit li xejn kelli x'naqsam ma' nisa, mhux għax ma nħobbhomx imma għax in-negozju kien jiġi l-ewwel u qabel kollox.

Kienet daharha lejja. Bdiet tneħħi ħwejjiġha minn fuqha u bil-galbu kollu poġġiethom fuq id-dahar tas-sufan fejn kienet bilqiegħda ftit qabel.

"X'taħseb?" qaltli.

Ma kellimthiex. Qbadtha bejn dirgħajja u bistha fit-tul.

Meta stenbaħt sibt ruħi fuq sodda qadima żżaqżaq ma' kull ċaqliqa. Dik il-mara ma kienet tidher imkien! Kont waħdi fid-dar! Kif ħriġt minn taħt il-friex ħassejt ħafna kesħa u fittixt ilbist biex nissaħħan.

Ftit wara ħriġt biex immur lejn id-dar ta' Kristina. Kien għadu kif sebaħ u fit-triq iltqajt ma' xi nies sejrin lejn ix-xogħol. Meta wasalt bqajt tiela' fuq f'kamarti. Kont se niftaħ il-bieb tal-kamra meta leħen minn warajja ħasadni.

Kienet Kristina.

"Xi ħadd rak dieħel fid-dar ta' Alice," qaltli.

"Avolja kien daqshekk tard u ma kien jidher ħadd barra?" staqsejtha xi ftit jew wisq mistagħġeb. "Ma nistax nifhem min seta' rani dieħel magħha f'dik id-dar."

"Hawn ma tista' tagħmel xejn bil-moħbi," kompliet tgħidli Kristina.

Dħalt fil-kamra mingħajr ma weġibtha. Hi daħlet warajja u poġġiet bilqiegħda fuq is-sodda.

"Taf min kienet dik il-mara li qattajt il-lejl magħha?" staqsietni. F'dak il-ħin ħassejtni xi ftit mifxul. Kont qed naħseb li ħadd ma kien jaf x'għamilt.

"Inti ma tafx min kienet? Mhix Alice?"

"Ma naħsibx. Tista' tiddeskriviha?"

Ma stajtx nifhem għala Kristina kienet qed tagħmilli dawn il-mistoqsijiet

kollha. Biex naqta' fil-qasir u ma naqbadx argumenti, tajtha deskrizzjoni ta' dik il-mara.

"Dik mhix Alice li kienet toqgħod f'dik id-dar fejn mortu. Ma setgħetx kienet hi madanakollu," qaltli Kristina.

"Għaliex? Fejn tista' tgħid? Int ma kontx magħna?" weġibtha.

"Alice ilha mejta sentejn. Kienet għerqet fix-xmara. Dik id-dar ilha vojta minn dakinhar u ħadd ma jrid jidħol fiha," qalet Kristina minn taħt l-ilsien donnu li ma tridx li jismagħha xi ħaddieħor minbarra jien.

"Kif jista' jkun?" għajjatt. "Allura … dik min kienet?"

"F'dan ir-raħal jiġru ħafna ħwejjeġ strambi," qaltli Kristina. U telqet 'il barra mill-kamra.

Bqajt wieqaf f'nofs il-kamra nħares lejn l-art nipprova nifhem jekk wara kollox dik kinitx xi ħolma sabiħa instigata mix-xewqat u l-fantasija ta' moħħi.